32005R0349

L 55/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 1.3.2005

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 349/2005

## tat-28 ta' Frar 2005

## li jistabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni ([1]) u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 3, 4, 6 et 11 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([2]) jipprovdu għall-Istati Membri biex igawdu, suġġetti għall-konformità ma' ċerti regoli, minn kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-qerda tal-mard fis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikoli msemmija.

(2) L-Artikolu 6 (3) u l-Artikolu 11(5) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistipulaw li d-deċiżjonijiet marbuta ma' din il-kontribuzzjoni finanzjarja għandhom jiddefinixxu n-nefqa eliġibbli, u l-Artikoli 4 u 11 jirreferu għad-dispożizzjonijiet, partikolarment ta' proċedura, ta' l-Artikolu 3.

(3) L-Artikolu 40A tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jiddisponi li n-nefqa ffinanzjata skond id-Deċiżjoni msemmija hija mmexxija direttament mill-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem konformi ma' l-Artikolu 148 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]).

(4) Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 ma jipprevedix regoli dwar it-tmexxija tal-finanzi msemmija. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipola kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja. Dawn il-kundizzjonijiet jeħtieġ li jiġu ċċarati.

(5) Jidher li huwa ġustifikat, fid-dawl ta' sforz lejn is-simplifikazzjoni u t-trasparenza tat-tmexxija finanzjarja ta' dawn il-finanzi, kif ukoll sabiex l-Istati Membri kollha jiġu ttrattati ndaqs u ma jkunx hemm riskju ta' sopra-evalwazzjoni tal-annimali jew tal-prodotti eliġibbli għall-kumpens, illi jiġu pprovduti kjarifiki dettaljati u li jiġu stabbiliti r-regoli applikabbli għat-talbiet għar-rimbors mressqa mill-Istati Membri, partikolarment rigward it-terminu tal-ħlas lil sid l-annimali u l-prodotti, u l-valuri eliġibbli għal iffinanzjar Komunitarju.

(6) Sabiex tiġi żgurata tmexxija finanzjarja soda, jeħtieġ ikun hemm informazzjoni f'waqtha dwar it-tixrid tal-mard, u speċjalment stimi regolari tan-nefqa li jidħlu għaliha l-Istati Membri.

(7) Bi qbil ma' l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, l-azzjonijiet veterinarji u fitosanitarji meħuda skond ir-regoli Komunitarji huma ffinanzjati mit-taqsima "Garanzija" tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija.. L-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament imsemmi japplikaw għall-fini tal-kontroll finanzjarju.

(8) Fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali tat-trobbija tal-bhejjem ekwini u l-konsegwenzi għall-ġestjoni tal-mard tagħhom, jeħtieġ li jkunu esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni ta' ta'dan ir-Regolament, bla ħsara għad-dipożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(9) Huwa meħtieġ li tiġi speċifikata r-rata li għandha tiġi applikata għall-konverżjoni tat-talbiet għar-rimbors ippreżentati f'muniti nazzjonali skond l-Artikolu 1 d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ([4]).

(10) Iridu jiġu speċifikati l-miżuri li se jittieħdu għat-twettiq tal-verifiki finanzjarji.

(11) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibilità li temenda l-iskadenzi u t-tnaqqis tan-nefqa eliġibbli previsti f'dan ir-Regolament jekk jitwasslu, mill-Istati Membri, ġustifikazzjonijiet li jkollhom bażi, l-aktar fir-rigward tal-preskrizzjonijiet amministrattivi għall-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija.

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Qasam ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament huwa applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità li minnhom igawdu l-Istati Membri għan-nefqa eliġibbli definita fl-Artikoli 3, 4 u 5 ta' dan ir-Regolament, għall-miżuri għall-qerda tal-mard u fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 (1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE. ħlief għall-mard tal-bhejjem ekwini, kif ukoll l-Artikolu 4 (1) u (2), l-Artikolu 6 (2) u l-Artikolu 11 (1) ta' l-imsemmija Deċiżjoni.

2. Bla ħsara għall-adozzjoni tal-kriterji supplementari ta' eliġibbiltà li jistgħu jiġu stabbiliti mid-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 3 (4), l-Artikolu 6 (2) u (3), u l-Artikolu 11 (4) tad-Deċiżjoni 90/424/KE (minn hawn 'il quddiem msejħa "deċiżjonjiet speċifiċi"), l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tiġi estiża, permezz ta' deċiżjonijiet tali, għall-finanzjament ta' miżuri oħra msemmija fis-subparagrafu (1) ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari:

a) għall-miżura ta' kumpens għat-telf imsemmija fl-Artikolu 11 (4), a) v) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE f'każ ta' tilqim,

b) għan-nefqa operattiva marbuta mal-miżuri msemmija fl-3(2A) u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KE.

3. Dan ir-Regolament huwa bla ħsara għall-prinċipju li peress li l-eliġibbiltà tan-nefqa, minfuqa u koperta mill-Istati Membri, hija kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja, hija soġġetta għall-konformità mar-regoli Komunitarji.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

a) "kumpens rapidu u f'waqtu" hu il-ħlas, fi żmien disgħin jum mill-qtil ta' l-annimal, ta' kumpens li jikkorrispondi għall-prezz tas-suq ta' l-annimali;

b) "il-prezz tas-suq" jikkorrispondi għall-prezz li s-sid seta' normalment jikseb mill-bejgħ ta' l-annimal eżatt qabel ma ġie nfettat jew maqtul, b'kunsiderazzjoni tas-saħħa, il-kwalità u l-età tiegħu;

c) "nefqa raġjonevoli"hi n-nefqa għax-xiri ta' materjal jew servizzi bi prezzijiet li mhumiex sproporzjonati meta mqabbla mal-prezz tas-suq qabel id-dijanjosi tal-marda;

d) "nefqa meħtieġa" hi in-nefqa meħtieġa għax-xiri ta' materjal jew servizzi msemmija fl-Artikolu 3 (2) jew l-Artikolu 11 (4) a) i) sa a) iv), u b), tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, fejn intweriet in-natura u r-rabta diretta man-nefqa eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

e) "qtil obbligatorju" tirreferi għal qtil obbligatorju bħala riżultat ta' tifqigħa ddikjarata u qtil preventiv (minħabba kuntatt, qrubija, suspett, tilqim li jissopprimi) ordnat u mwettaq esplicitament minħabba riskju speċifiku għas-saħħa.

Id-definizzjonijiet f'punti a) sa d) huma applikabbli bl-istess mod fil-każ tal-qerda obbligatorja tal-bajd.

*Artikolu 3*

**Nfiq eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja Komunitarja**

L-Istati Membri għandhom igawdu minn għajnuna finanzjarja Komunitarja, għal:

a) il-kumpens rapidu u xieraq mħallas lis-sidien mġiegħla joqtlu l-annimali tagħhom, jew fejn applikabbli, jeqirdu l-bajd, fi qbil ma' l-Artikolu 3(2), l-ewwel u s-seba' inċiż, u l-Artikolu 11(4), a), i) tad-deċiżjoni 90/424/KEE;

b) in-nefqa operattiva mħallsa minħabba l-qtil u l-qerda obbligatorji ta' l-annimali u prodotti kontaminati, it-tindif u d-diżinfettar tal-bini, u t-tindif u d-diżinfettar jew, jekk meħtieġ, il-qerda ta' tagħmir ikkontaminat, fi qbil mal-Artikolu 3(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż, u l-Artikolu 11(4)(a)(i) sa (iv) u (b) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

c) in-nefqa mħallsa minħabba f'miżuri oħra adottati fil-kuntest u skond il-kundizzjonijiet stipulati f'deċiżjonijiet speċifiċi marbuta mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji Komunitarji għal miżuri tali, u partikolarment in-nefqa għal kull miżura eventwali ta' tilqim.

*Artikolu 4*

**Kalkolu tal-kumpens eliġibbli massimu għal kull annimal**

1. L-ammont massimu ta’ kumpens għal kull annimal, kif imsemmi fl-Artikolu 3(a), li huwa eliġibbli għall-għajnuna finanzjarju Komunitarju se jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta’ l-ammont totali eliġibbli tal-kumpens għall-annimali jew il-prodotti kkonċernati u n-numru korrispondenti ta’ annimali jew prodotti eliġibbli. Madankollu, l-ammont m’għandux jaqbeż:

a) 900 € għal kull bovin maqtul,

b) 125 € għal kull ħanżir maqtul,

c) 100 € għal kull annimal maqtul mir-razza tan-nagħaġ jew mogħoż,

d) 2,20 € għal kull tiġieġa tal-bidien maqtula, 1,20 € għal kull tiġieġa brojler maqtula,

e) 0,20 € għal kull bajda tat-tifqis, u 0,04 € għal kull bajda ta’ l-ikel meqruda.

Fejn il-valur kalkulat per unita medja jaqbeż l-ammonti massimi stipulati fil-paragrafu 1, u fejn hu ġġustifikat minħabba l-prezzijiet tas-suq mgħoddija mill-Istat Membru skond l-Artikolu 6(1) u l-osservazzjonijiet riżultanti mill-verifiki skond l-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha tibbaża il-kalkolu tal-parteċipazzjoni Komunitarja fuq il-valur kalkulat.

2. L-ammonti massimi mniżżla fil-paragrafu (1) għandhom jiġu aġġornati u kompluti mill-Kummissjoni fil-konfront tal-kategoriji ta’ l-annimali jew tal-prodotti kollha jew ta’ parti minnhom, skond l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq partikolarment ir-rata ta’ l-inflazzjoni.

*Artikolu 5*

**Kalkolu ta’ l-għajnuna Komunitarja għan-nefqa operattiva**

1. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 3(b) u (c) għandu jkopri biss in-nefqa meħtieġa u raġjonevoli marbuta ma’ l-affarijiet eliġibbli deskritti fl-Anness I.

2. Il-kalkolu ta’ l-ammont tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandu jeskludi dawn li ġejjin b’mod partikolari mill-ispejjeż ippreżentati mill-Istat Membru::

a) it-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħrajn,

b) il-pagi ta’ l-uffiċjali jew aġenti pubbliċi,

c) in-nefqa rigward l-użu ta’ tagħmir pubbliku, b’mod partikolari l-mezzi ta’ trasport, ħlief għall-materjali konsumibbli,

d) il-kumpens għall-qtil mhux obbligatorju,

e) il-kumpens imħallas flimkien ma’ għajnuna Komunitarja ieħor, bħall-*premiums* għall-qtil, bi ksur tar-regoli Komunitarji,

f) il-kumpens marbut mal-qerda jew it-tiġdid ta’ l-irziezet, spejjeż ta’ infrastruttura u spejjeż marbuta ma’ telf finanzjarju jew qgħad marbut mal-preżenza tal-marda jew projbizzjoni fuq il-ħażna mill-ġdid.

*Artikolu 6*

**Tagħrif meħtieġ qabel l-għoti ta’ għajnuna finanzjarja Komunitarja**

1. Jekk waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tiġi identifikata fit-territorju ta’ Stat Membru, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum mill-konferma uffiċjali ta’ l-ewwel tifqigħa, dwar il-kategoriji ta’ annimali u prodotti u l-prezzijiet tas-suq għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

2. Mhux aktar tard minn xahrejn wara l-konferma uffiċjali tal-marda, u mbagħad kull xahrejn, l-Istat Membru għandu jibgħat fajl elettroniku fil-format muri fl-Anness IIa li jkun fih din l-informazzjoni ewlenija dwar kemm jiswa l-kumpens: in-numru ta’ annimali maqtula skond il-kategorija, fejn applikabbli n-numru ta’ bajd meqrud, u l-ammont totali tal-kumpens ġa mogħti għal kull kategorija.

3. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-konferma uffiċjali tat-tifqigħa tal-marda, u mbagħad kull xahrejn, l-Istat Membru għandu jibgħat fajl elettroniku fil-format muri fl-Anness IIb li jkun fih din l-informazzjoni ewlenija dwar in-nefqa operattiva: l-ammonti mħallsa għall-qtil ta’ l-annimali, it-trasport u l-qerda tal-karkassi, il-bajd u l-ħalib, it-tindif, id-diżinfettar u l-qerda ta’ l-insetti fl-irziezet, il-qerda ta’ l-għalf u, fejn applikabbli, il-qerda tat-tagħmir.

*Artikolu 7*

**Kundizzjonijiet ta’ ħlas u dokumenti ta’ għajnuna**

1. L-għajnuna finanzjarju Komunitarju msemmi fl-Artikolu 3 għandu jitħallas skond dan li ġej:

a) talba uffiċjali għar-rimbors, akkumpanjata minn rapport finanzjarju konformi mal-paragrafu (2) ta’ dan l-Artikolu,

b) id-dokumenti ta' ġustifikazzjoni mniżżla fl-Anness V, li juru kemm jiswew il-miżuri varji li għalihom qed tintalab kontribuzzjoni Komunitarja,

c) rapport epidemoloġiku dwar kull razzett fejn l-annimali jkunu nqatlu u nqerdu,

d) fejn applikabbli, ir-riżultati tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 10.

Id-dokumenti ta' ġustifikazzjoni msemmija f' punt b), flimkien ma' kull informazzjoni rilevanti, inkluż ukoll informazzjoni kummerċjali, għandha tkun disponibbli lill-Kummissjoni, meta mitluba, għal verifiki fuq il-post mwettqa minnha.

2. It-taqsima "kumpens xieraq" tar-rapport finanzjarju msemmija f'paragrafu 1, a) għandha titressaq fil-forma ta' fajl elettroniku konformi ma' l-Anness III fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni speċifika li tistabbilixxi l-għajnuna finanzjarja.

It-taqsima "nefqa operazzjonali" tar-rapport finanzjarju msemmija f'paragrafu 1, a) għandha titressaq fil-forma ta' fajl elettroniku konformi ma' l-Anness IV fi żmien 6 xhur mid-data ta' l-aħħar tifqigħa tal-marda.

Il-Kummissjoni tista' ttawwal l-iskadenza msemmija fl-ewwel u t-tieni paragrafi jekk jitwasslu, mill-Istati Membri, ġustifikazzjonijiet oġġettivi u fundati.

3. L-Istati Membri, konformi mal-liġijiet nazzjonali, regolamenti, u dispożizzjonijiet amminstrattivi, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex:

a) jikkonfermaw il-korrettezza u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet iffinanzjati għall-għanijiet tal-qerda tal-mard;

b) jipprevjenu u jsegwu l-irregolaritajiet;

c) jirkupraw is-somom mitlufa minħabba irregolaritajiet jew negliġenza;

d) jipprovdu kumpens rapidu u xieraq għas-sidien imsemmija fl-Artikolu 3(a);

e) jagħmlu arranġemaneti minn qabel għall-użu u x-xiri pubbliku ta' servizzi u tagħmir eliġibbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet, b'mod partikolari għall-qtil ta' l-annimali, it-trasport, il-qerda tal-karkassi, il-bajd u l-prodotti, it-tindif u d-diżinfettar, b'mod li jiżgura t-tmexxija finanzjarja soda tan-nefqa propja ta' l-Istati Membri.

L-Istati Membri, meta mitluba, għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu adottaw għal dan il-għan.

4. It-talba uffiċjali għar-rimbors għandha dejjem isemmi l-qagħda tal-proċeduri amministrattivi u legali nazzjonali marbuta ma' l-operazzjonijiet finanzjati, b'mod partikolari każi li għandhom pendenti, l-ammonti finanzjarji kkonċernati, u r-raġunijiet għal dawn il-proċeduri.

*Artikolu 8*

**Rati ta' konverżjoni**

Ir-rata ta' konverżjoni li għandha tiġi applikata għat-talbiet għar-rimbors mressqa f'munitinazzjonali skond l-Artikolu 1, d), tar-Regolament (KE) Nru 2799/98, matul ix-xahar "n" għandha tkun bħal ta' l-għaxar jum tax-xahar "n+1" jew l-eqreb jum ta' qabel li għalih tkun disponibbli rata.

*Artikolu 9*

**Tnaqqis fin-nefqa eliġibbli**

1. Jekk l-awtoritajiet ikkonċernati jonqsu milli jikkonformaw ma' l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 6 in-nefqa eliġibbli tista' titnaqqas b'sa 5 %, filwaqt li jitqiesu l-kwalità ta' l-informazzjoni miġbura u l-kobor tal-marda epiżootika ddikjarata.

2. Jekk l-iskadenzi stipulati fl-Artikolu 7(2) ma jintlaħqux, l-għajnuna finanzjarja Komunitarja titnaqqas b'25 % għal kull xahar kalendarju ta' dewmien

3. Meta l-awtoritajiet ikkonċernati jagħmlu ħlasijiet ta' kumpens barra mill-perjodu msemmi fl-Artikolu 2(a), ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw:

a) 25 % tnaqqis min-nefqa eliġibbli għal ħlasijiet li jsiru minn 91 sa 105 ijiem wara l-qtil ta' l-annimali u/jew il-qerda tal-bajd;

b) 50 % tnaqqis min-nefqa eliġibbli għal ħlasijiet li jsiru minn 106 sa 120 jum wara l-qtil ta' l-annimali u/jew il-qerda tal-bajd;

c) 75 % tnaqqis min-nefqa eliġibbli għal ħlasijiet li jsiru minn 121 sa 135 jum wara l-qtil ta' l-annimali u/jew il-qerda tal-bajd;

d) 100 % tnaqqis min-nefqa eliġibbli għal ħlasijiet li jsiru minn 135 jum jew aktar wara l-qtil ta' l-annimali u/jew il-qerda tal-bajd;

Madankollu, il-Kummissjoni tista' tapplika sistema mtarrġa differenti u/jew rati ta' tnaqqis inferjuri jew xejn jekk ġustifikazzjonijiet oġġettivi u fundati jingħataw mill-Istati Membri.

4. F'każ ta' kontestazzjoni tal-kumpens min-naħa tal-benefiċjarji, l-iskadenzi msemmija fit-tielet paragrafu huma sospiżi għad-dossiers ikkonċernati.

*Artikolu 10*

**Verifika finanzjarja**

Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-awtoritajiet kompetenti, tista' twettaq verifiki dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 jew fl-Artikolu 7(3) jew l-eliġibbiltà tan-nefqa assoċjata u ma' verifiki fuq il-post fl-Istat Membru.

Il-verifiki jista' jkollhom bħala skop b' mod partikolari, il-kontrolli dokumentarji u l-verifika tal-koerenza tal-fajl finanzjarju li jirrigwarda l-prezzijiet, in-numru, l-eta u l-piż ta' l-annimali, kemm huma friski l-bajd, fatturi riċenti, reġistri ta' l-irziezet, ċertifikati tat-tneħħija u tat-trasport.

*Artikolu11*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffċijali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar it-28 ta' Frar 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Spejjeż eliġibbli previsti mill-Artikolu 5 (1)**

1. Spejjeż marbuta mal-qtil obbligatorju ta' l-annimali:

   a) salarji u ħlasijiet lill-impjegati bi dmirijiet speċifiċi fl-operazzjoni tal-qtil;

   b) materjal konsumibbli u tagħmir speċifiku użat għall-qtil;

   c) xiri ta' servizzi jew kiri ta' mezzi ta' trasport biex iwasslu l-annimali għall-post tal-qtil

2. Spejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi u/jew tal-bajd:

   a) tqattigħ: xiri ta' servizzi jew kiri ta' mezzi ta' trapsort biex jittieħedu l-karkassi u/jew il-bajd lejn il-biċċerija, l-ipproċessar tal-karkassi u/jew tal-bajd fil-biċċerija, materjali konsumibbli u tagħmir speċifiku użat għall qerda tal-bajd, u l-qerda ta' l-għalf;

   b) dfin: impjegati speċifikament inkarigati, xiri ta' servizzi jew kiri ta' mezzi ta' trasport biex jindifnu l-karkassi u/jew il-bajd, u prodotti użati biex jiġi diżinfettat ir-razzett;

   c) ħruq fuq il-post: impjegati speċifikament inkarigati, *fuel* jew materjali oħra użati, xiri ta' servizzi jew kiri ta' mezzi ta' trasport għall-karkassi u/jew il-bajd, u prodotti użati biex jiġi diżinfettat ir-razzett;

3. Spejjeż marbuta mat-tindif (*), id-diżinfettar (*) u l-qerda ta' l-insetti ta' l-irziezet:

   a) prodotti użati għat-tindif, id-diżinfettar u l-qerda ta' l-insetti;

   b) salarji u ħlasijiet lill-impjegati speċifikament inkarigati.

4. Spejjeż marbuta mal-qerda ta' għalf ikkontaminat (*) u/jew tal-ħalib (*):

   a) rimbors tal-prezz tax-xiri ta' l-għalf u/jew tal-ħalib;

   b) xiri ta' servizzi jew kiri ta' mezzi ta' trasport u tagħmir għall-qerda ta' l-għalf u/jew tal-ħalib.

5. Spejjeż marbuta mal-kumpens għall-qerda ta' tagħmir ikkontaminat, bil-valur tas-suq (*).

6. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tilqim, in-nefqa eliġibbli tista' tkopri s-salarji u l-ħlasijiet lil impjegati mqabbda speċifikament, materjali konsumibbli, tagħmir speċifiku użat għat-tilqim u, fejn applikabbli, ix-xiri tal-vaċċini meħtieġa għall-qerda tal-mard mill-Istat Membru meta l-Komunità ma tkunx f'pożizzjoni li tfornihom.

(*) mhux applikabbli fil-każ tad-deni katarrali tal-muntun (bluetongue).

*ANNESS IIa*

**Tagħrif meħtieġ qabel l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja**

**(isem il-marda) (is-sena) (l-Istat Membru): kumpens**

| Tip ta' annimal jew prodott | Numru | Kumpens (f'munita nazzjonali) |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

*ANNESS IIb*

**Tagħrif meħtieġ qabel l-għoti ta' għajnuna finanzjarju Komunitarju**

**(isem il-marda) (is-sena) (l-Istat Membru): spejjeż operattivi**

| Tip ta' azzjoni | Ammont (f'munita nazzjonali) |
|---|---|
| Qtil | |
| Trasport ta'<br>— karkassi<br>— bajd<br>— ħalib | <br>................................<br>................................<br>................................ |
| Qerda ta'<br>— karkassi<br>— bajd<br>— ħalib | <br>................................<br>................................<br>................................ |
| Qerda ta' għalf | |
| Qerda ta' tagħmir | |
| Tindif | |
| Diżinfettar/qerda ta' l-insetti | |
| Total | |

*ANNESS III*

**Talba għall-kontribuzzjoni għall-kumpens għal kemm jiswew l-annimali maqtula obbligatorjament u l-bajd meqrud obbligatorjament**

| Nru tat-tifqigħa | Kuntatt mat-tifqigħa | Oħrajn | Numru ta' identifikazzjoni tar-razzett | Bidwi/raħħal | | Fejn jinsab ir-razzett | Sid l-annimali | | Data tal-qtil | Qtil | | Metodu ta' qerda | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kunjom | Isem | | Kunjom | Isem | | Razzett | Biċċerija | Post tat-tqattigħ | Ħruq fuq il-post | Oħrajn (ispeċifika) | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |

| Nru tat-tifqigħa | Kuntatt mat-tifqigħa | Oħrajn | Numru ta' identifikazzjoni tar-razzett | Bidwi/raħħal | | Fejn jinsab ir-razzett | Sid l-annimali | | Data tal-qtil | Qtil | | Metodu ta' qerda | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kunjom | Isem | | Kunjom | Isem | | Razzett | Biċċerija | Post tat-tqattigħ | Ħruq fuq il-post | Oħrajn (ispeċifika) | |
| | | | | | | | | | | | | | | | |

(*) Ispeċifika t-tip ta' baqar: għall-ħalib u/jew għal-laħam

| Nru tat-tifqigħa | Kuntatt mat-tifqigħa | Oħrajn | Numru ta' identifikazzjoni tar-razzett | Bidwi/raħħal | | Fejn jinsab ir-razzett | Sid l-annimali | | Data tal-qtil | Qtil | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kunjom | Isem | | Kunjom | Isem | | Razzett | Biċċerija | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

| Nru tat-tifqigħa | Kuntatt mat-tifqigħa | Oħrajn | Numru ta' identifikazzjoni tar-razzett | Bidwi/raħħal | | Fejn jinsab ir-razzett | Sid l-annimali | | Data tal-qtil | Qtil | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kunjom | Isem | | Kunjom | Isem | | Razzett | Biċċerija | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

| Piż fid-data tal-qerda | Numru ta' annimali skond il-kategorija | | | | Ammont imħallas għal kull kategorija | | | | Spejjeż oħra mħallsa direttament lill-bidwi/ir-raħħal (eskluża l-VAT) | Kumpens totali (eskluża l-VAT) | Data tal-ħlas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ħnieżer nisa | ħnieżer tar-refgħa | ħnienes | ħnieżer | ħnieżer nisa | ħnieżer tar-refgħa | ħnienes | ħnieżer | | | |
| | | | | | | | | | | | |

| Piż fid-data tal-qerda | Numru ta' annimali skond il-kategorija | | | | Ammont imħallas għal kull kategorija | | | | Spejjeż oħra mħallsa direttament lill-bidwi/ir-raħħal (eskluża l-VAT) | Kumpens totali (eskluża l-VAT) | Data tal-ħlas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baqar (*) | għoġġiela nisa | għoġġiela rġiel | barrin | baqar | għoġġiela nisa | għoġġiela rġiel | barrin | | | |
| | | | | | | | | | | | |

| Metodu ta' qerda | | | Piż fid-data tal-qerda | Numru ta' annimali skond il-kategorija | | | | | | | Ammont imħallas għal kull kategorija | | | | | | | Spejjeż oħra mħallsa diretta-ment lill-bidwi/ir-raħħal (eskluża l-VAT) | Kumpens totali (eskluża l-VAT) | Data tal-ħlas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Post tat-tqattigħ | Ħruq fuq il-post | Oħrajn (ispeċi-fika) | | nagħaġ | | | mogħoż | | | oħrajn | nagħaġ | | | mogħoż | | | oħrajn | | | |
| | | | | nagħaġiet | ħrief | mtaten | mogħożiet | bdabad | gidien | | nagħaġiet(nisa) | ħrief | mtaten | mogħożiet (nisa) | bdabad | gidien | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| Metodu ta' qerda | | | Piż fid-data tal-qerda | Numru ta' annimali skond il-kategorija | | | | | | | Ammont imħallas għal kull kategorija | | | | | | | Spejjeż oħra mħallsa diretta-ment lill-bidwi/ir-raħħal (eskluża l-VAT) | Kumpens totali (eskluża l-VAT) | Data tal-ħlas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Post tat-tqattigħ | Ħruq fuq il-post | Oħrajn (ispeċi-fika) | | tiġieġ | | | tjur tat-trobbija | | | oħrajn | tiġieġ | | | tjur tat-trobbija | | | oħrajn | | | |
| | | | | tiġieġ tal-bidien | tiġieġ brojler | tiġieġ għat-trobbija | papri | wiżż | dundjani | | tiġieġ tal-bidien | tiġieġ brojler | tiġieġ għat-trobbija | papri | wiżż | dundjani | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| Nru tat-tifqigħa | Kuntatt mat-tifqigħa | Oħrajn | Numru ta' identifikazzjoni tar-razzett | Bidwi/raħħal | | Fejn jinsab ir-razzett | Sid l-annimali | | Data tal-qtil | Qtil | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kunjom | Isem | | Kunjom | Isem | | Razzett | Biccerija | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

| | Metodu ta' qerda | | | Piż fid-data tal-qerda | Numru ta' annimali skond il-kategorija | | | | | | | Ammont imħallas għal kull kategorija | | | | | | | Spejjeż oħra mħallsa diretta-ment lill-bidwi/ir-raħħal (eskluża l-l-VAT) | Kumpens totali (eskluża l-l-VAT) | Data tal-ħlas |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Post tat-tqattigh | Hruq fuq il-post | Ohrajn (ispeci-fika) | | tigieg | | | tjur tat-trobbija | | | ohrajn | tigieg | | | tjur tat-trobbija | | | ohrajn | | | |
| | | | | | tigieg tal-bidien | tigieg brojler | tigieg ghat-trobbija | papri | wiżż | dundjani | | tigieg tal-bidien | tigieg brojler | tigieg ghat-trobbija | papri | wiżż | dundjani | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*ANNESS IV*

**Talba għall-kontribuzzjoni lill-kumpens għal spejjeż oħra**

| "Spejjeż oħra", f'munita nazzjonali, netti mill-VAT (esklużi il-kumpens għall-valur ta' l-annimali u/jew tal-bajd) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tar-razzett | Tip ta' azzjoni | | | | | |
| | Qtil | Qerda ta' karkassi (trasport u pprocessar) | Qerda ta' bajd (trasport u pprocessar) | Tindif, diżinfettar/qerda ta' l-insetti (salarji u prodotti) | Għalf u ħalib (kumpens u qerda) | Tagħmir (kumpens u qerda) |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| Total | | | | | | |

*ANNESS V*

**Dokumenti ta' ġustifikazzjoni li għandhom jigu ppreżentati, fuq talba, mill-awtorità kompetenti**

Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala dokumenti ta' ġustifikazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 7(1)(b) f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifika:

I. DOKUMENTI MARBUTA MAL-KUMPENS LILL-BDIEWA U R-RAĦĦALA

1) prova tal-ħlas lil min qed jircievi (rekord ta' ħlas)

2) rekords ta' evelwazzjoni għall-annimali u l-prodotti li għalihom tħallas il-kumpens,

3) ordnijiet ta' qtil ufficjal,

4) dokumenti tat-trasport ta' l-annimali (deroga, kategoriji trasportati, ċertifikat ta' tlestija),

5) dettalji dwar il-merħla (bovini) fid-data tal-qtil, skond is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bovini (lista kkompjuterizzata),

6) teħid ta' kampjuni u riżultati tal-laboratorju,

7) stħarriġ epidemjologiku,

8) rekords ta' spezzjonijiet veterinarji waqt il-gimgħat qabel il-qtil,

9) formoli tal-piż ta' l-annimali fil-biċċerija,

10) formoli tal-piż tal-karkassi li għandhom jinqerdu,

11) ċertifikati uffiċjali tal-qerda ta' l-annimali u l-prodotti li għalihom tħallas il-kumpens, flimkien mal-fattur korrispondenti mingħand min qeridhom,

12) reġistri oriġinali ta' l-irziezet,

13) fejn applikabbli, listi tax-xiri mill-ġdid kollu tas-suq jew xiri mill-ġdid minħabba problemi ta' benessri ta' l-annimali waqt l-epidemija;

14) kopji tat-talbiet ta' min qed jagħmel it-talba għal *premiums* għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li tkun għaddejja fid-data tal-qtil,

15) awtorizzazzjonijiet għaċ-ċaqliq maħruġa għall-annimali mir-razzett fis-sitt xhur qabel il-qtil,

16) *rekords* ta' produzzjoni tal-ħalib,

17) *pedigrees* ta' l-annimali (meta applikabbli)

18) kopji ta' l-irċevuti għax-xiri u l-akkwist ta' annimali maqtula u kopji ta' l-irċevuti ta' xiri jew ta' bejgħ tul it-tliet xhur qabel il-qtil.

II. DOKUMENTI MARBUTA MA' L-ISPEJJEŻ IMSEMMIJA FL-ANNESS I

Id-dokumenti ta' ġustifikazzjoni marbuta ma' operazzjonijiet u xiri ta' prodotti u servizzi msemmija fl-Anness I.